MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 125/2004

Michael u Rosina sive Rose Xerri bhala mandatarji ta' binthom Minuri Fiona Xerri .

VS

Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :

Illi huma Michael u Rosina sive Rose Xerri huma l-ġenituri ta' Fiona li twieldet fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin (1989) u l-att tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv mija u tlieta tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin (103/1989) (Dok 'A') ;

Illi fl-istess att tat-twelid kunjom l-attur gie imnizzel bhala ‘Scerri’ u dan nonostante illi l-kunjom tieghu kien minn dejjem ‘Xerri’ u dana anke kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu;

Illi per konsegwenza ta’ hekk kunjom bint l-atturi u cioe’ kunjom Fiona gie mnizzel bhala ‘Scerri’ minflok ‘Xerri’ ;

Illi din l-korrettezza tista’ twassal fi problemi burokratici ghal binthom Fiona, b’mod partikolari issa li waslet biex tibda taghmel l-ezamijiet tal-matrikola .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mija u tlieta tas-sena elf disa’ mija disgha u tmenin (103/1989) billi fil-kolonna “Isem u kunjom missier it-tarbija” kif ukoll fil-kolonna “Isem u Kunjom l-omm” il-kunjom kemm tal-missier kif ukoll ta’ l-omm li jidher bhala “Scerri” jigi sostitwit bil-kunjom “Xerri” .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa il-konvenut huwa ingunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, konfermata bil-gurament ta’ Rose Xerri .

Rat ukoll id-dokument anness mac-citazzjoni u cioe’ d-dokument “A”, li huwa kopja vera tac-certifikat tat-twelid numru mija u tlieta tas-sena elf disa’ mija disgha u tmenin (103/1989) .

Rat ukoll ir-rikors ta’ l-attrici, ta’ l-ghaxra (10) ta’ Dicembru, elfejn u erbgha (2004), li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tawtorizzaha tipprocedi ghal din il-kawza bl-ghajnuna legali .

Rat id-degriet taghha tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Dicembru, elfejn u erbgha (2004), li permezz tieghu, din il-Qorti laqghet it-talba .

Rat ukoll ir-riferta pozittiva tad-direttur tar-Registru Pubbliku li ggib id-data ta’ l-erbgha (4) ta’ jannar, 2005 .

Innutat li l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku baqa’ ma wegibx ghal din il-kawza, u ghal hekk waqa’ kontumaci .

Semghet lill-attrici Rose Xerri tikkonferma illi kunjom ir-ragel taghha u taghha huwa ‘Xerri’, u mhux ‘Scerri’, kif jidher fic-certifikat in kustjoni .

Il-Qorti, billi jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa’ l-istess talba attrici, u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mija u tlieta tas-sena elf disa’ mija u disgha u tmenin (103/1989), billi fil-kolonna “isem u kunjom missier it-tarbija” kif ukoll fil-kolonna “isem u Kunjom l-omm” il-kunjom kemm tal-missier kif ukoll ta’ l-omm li jidher bhala “Scerri” jigi sostitwit bil-kunjom “Xerri” .

Minhabba n-natura ta’ din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------